**The Gift of the Holy Spirit.**
As we celebrate the Feast of the Ascension of the Lord this Sunday, we draw closer to the Feast of Pentecost, or the Fiftieth Day. Exactly 50 days after His Resurrection, the Lord Jesus fulfilled the promise He made to the Apostles by sending them the Holy Spirit. They, in turn, passed it on to the bishops who came after them, and through apostolic succession, the bishops continued to pass it on to the priests, who through their ministry share it with all those who believe and are baptized. In this way, we too received it through the Sacrament of Baptism, and we renew its strength every time we receive Holy Communion.
We share great news that this Friday at the Cathedral, deacons Samuel Aquilina and Marlon Victor Bajada—both of whom spent some time serving in our parish as seminarians—will be consecrated as priests by the power of the Holy Spirit through the hands of our bishop. It is good that we take part in God's grace that continues to occur among us and pray for them so that they may continue to bring God's Holy Spirit to all those they encounter.

**Prayer Meeting on the Spirituality of Dun Mikiel Attard.** Wednesday 20 May at 6:15pm in the Basilica Church. The meeting will be led by Canon Dun Reuben Micallef, while Monsignor Ġwann Sultana (former Archpriest of Żebbuġ) will share reflections and experiences about Dun Mikiel. You are encouraged to attend. The meeting will also be broadcast on mnarjalive.com

**Pentecost Vigil. Saturday 23 May at the Ta' Pinu Sanctuary at 8:00pm.** Those wishing to use parish transport should register at the Parish Office by Wednesday 20 May. Departure is at 7:15pm from near the Centre.

**Procession of Our Lady and Marian Programme on Thursday 21 May.** Everyone is invited—children, adolescents, youths, and M.U.S.E.U.M. members—to attend the 7:00pm Mass in church. Afterwards, we will gather on the church parvis to accompany the Marian procession and attend a short programme of singing, poetry, a reflection, and an act of consecration to Our Lady at the Boys' M.U.S.E.U.M. ground.

**Outing for the Feast of Saint Rita by the Dun Frangisk Grima Group.** Friday 22 May. Meet near the Centre at 9:30am. We will attend Mass at the Church of Saint Augustine in Rabat, followed by some free time until noon. Contact Tonina (21553041 / 79923153) or Ġuża (21552326 / 99228906).

**Outdoor Rosary** on Friday 22 May will be held at the Ħali playing field at 6:00pm.

**Retreat for First Holy Communion Children.** Saturday 23 May at 9:30am at the Boys' M.U.S.E.U.M. Centre. Children will be picked up from the church at 11:30am. At 9:30am, there will also be a short meeting for parents in the M.U.S.E.U.M. hall held by the Archpriest regarding photography on the day of First Holy Communion. It is Important that at least one parent of each child this meeting.

**Second Collection for the Feast by the Mnarja Band Committee.** The band committee will begin the second and final collection for the upcoming feast as from Wednesday 20 May. We encourage everyone to contribute so that a celebration worthy of our patron saints, Saint Peter and Saint Paul, can be held. Each year, the band covers the cost of all band marches during the feast days. The amount collected is far less than the band expenses, so we kindly ask for your generosity. Thank you in advance for your donation.

**Mass Times**

**Sundays & Feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**From Monday to Saturday:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Sacred Heart Church: from Monday to Saturday:** 11.00am **Sunday:** 7.00am
**Franciscans Convent Chapel: from Monday to Saturday:** 7.00am
**Sunday:** 6.15am; 10.15am (in English)
**Saint Therese of Calcutta Chapel: Sunday:** 7.30am

**Id-don tal-Ispirtu s-Santu**
Bil-Festa ta' Tlugħ is-Sema tal-Mulej li qed niċċelebraw f'dan il-Ħadd qed noqorbu iktar lejn il-Festa ta' Pentekoste jew **Għid il-Ħamsin** għaliex 50 jum wara l-Qawmien mill-mewt tiegħu, il-Mulej Ġesù żamm il-wegħda li kien għamel lill-Appostli li jibagħtilhom l-Ispirtu Qaddis Tiegħu. Huma mbagħad għaddewh lill-isqfijiet li ġew warajhom u l-isqfijiet bil-qawwa tas-suċċessjoni appostolika baqgħu jgħadduh lill-presbiteri li permezz tal-ministeru tagħhom jgħadduh lil dawk kollha li jemmnu u jitgħammdu. Hekk irċivejnieh aħna wkoll bis-Sagrament tal-Magħmudija u nġeddu l-qawwa tiegħu kull darba li nitqarbnu.

Hi ħaġa sabiħa li nkunu nafu li nhar il-Ġimgħa fil-Katidral se jiġu kkonsagrati bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, minn idejn l-Isqof tagħna, **żewġ presbiteri ġodda**, Samuel Aquilina u Marlon Victor Bajada li t-tnejn li huma għaddew xi żmien iservu fil-parroċċa tagħna bħala seminaristi. Tajjeb li nipparteċipaw għal din il-grazzja hekk kbira li għadha sseħħ fostna u nitolbu għalihom biex ikomplu jwasslu l-Ispirtu Qaddis ta' Alla lil kull min jiltaqa' magħhom.

**Laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard,** nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju fis-6.15pm fil-Knisja Bażilika. Imexxi l-laqgħa l-Kan. Dun Reuben Micallef waqt li Mons. Ġwann Sultana (eks Arċipriet taż-Żebbuġ) ser jaqsam xi ħsibijiet u esperjenzi dwar Dun Mikiel. Inħeġġukom tattendu. Il-laqgħa tkun trasmessa fuq mnarjalive.com.

**Velja ta' Pentekoste** nhar is-Sibt 23 ta' Mejju fis-Santwarju Ta' Pinu, fit-8.00pm. Min jixtieq jiġi bit-trasport tal-parroċċa jinkiteb fl-Uffiċċju Parrokkjali sal-Erbgħa 20 ta' Mejju. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fis-7.15pm.

**Purċissjoni u Programm Marjan**
Nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju mistednin ilkoll flimkien mat-tfal, adolexxenti, żgħażagħ u membri tal-Museum għall-quddiesa tas-7.00pm fil-knisja u wara ningħaqdu fuq iz-zuntier biex nakkumpanjaw il-purċissjoni Marjana u nattendu għal programm qasir ta' kant u poeżiji, prietka u att ta' konsagrazzjoni lill-Madonna fil-ground tal-Museum tas-subien.

**Ħarġa għall-Festa ta' Santa Rita** mill-Għaqda Dun Franġisk Grima, nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju. Niltaqgħu ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am, nieħdu sehem fil-quddiesa fil-knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat, u wara jkollna ftit ħin liberu sa nofsinhar. Ċemplu lil Tonina 21553041/79923153 jew lil Ġuża 21552326/99228906.

**Rużarju fil-beraħ**, nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju fil-playing field tal-Ħali, fis-6.00pm.

**Irtir għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina**
Is-Sibt 23 ta' Mejju, fid-9.30am fil-Museum tas-Subien. It-tfal jinġabru mill-knisja fil-11.30am.

Fid-9.30am se ssir ukoll laqgħa qasira għall-ġenituri fis-sala tal-Museum mill-Arċipriet dwar il-fotografija fil-ġurnata tal-Ewwel Tqarbina. Importanti li jkun hemm imqar ġenitur wieħed ta' kull tifel u tifla biex ikun jista' jagħmel l-għażla tiegħu.

**It-tieni ġabra għall-Festa mill-Banda Mnarja**
Il-Banda ser tibda tagħmel it-tieni u l-aħħar ġabra għall-festa li ġejja minn nhar l-Erbgha 20 Mejju. Huwa importanti li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu biex issir festa li tixraq lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Ta' kull sena l-Banda tħallas il-marċijiet kollha li jsiru fil-granet tal-Festa. Il-ġbir hu ferm inqas mill-ispejjeż tal-baned fil-festa għalhekk nitolbukom tkunu ġenerużi. Grazzi bil-quddiem tad-donazzjoni tiegħek.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am